# TRIBUNAL INDUSTRIJALI

## Decizjoni Nru. 86

KAZ NRU. 101

Fil-kwistjoni tax-xoghol
bejn
Mark Cini
u
Messrs Swan Laundry & Dry Cleaning Co. Ltd.
dwar tkeccija mill-impieg allegata li hi ngusta.

Chairman : G.A. Craig

Data : 11 ta' Marzu, 1981

B'ittra ta' l-1 ta' Settembru, 1980, il-Ministru tax-Xoghol, Ghajnuna Socjali u Kultura, irriferit lil dan it-Tribunal taht id-disposizzjonijiet ta' l-Artikolu 28 (2) ta' l-Att Nru. XXX ta' l-1976, il-kwistjoni tax-xoghol bejn il-partijiet fuq imsemmija. Dan il-kaz huwa dwar tkeccija ta' Mark Cini mill-kumpanija Swan Laundry & Dry Cleaning Co. Ltd., tkeccija li l-appellant jallega li kienet ingusta.

2. L-appellant deher ghalih innifsu waqt li l-Kumpanija Swan Laundry & Dry Cleaning Co. Ltd. kienet rapprezentata mis-Sur Alfred Pisani Chairman ta' l-istess kumpanija assistit mis-Sur Anthony Galdes, B.A. (Hons.), Econ., Senior Executive fil-Head Office tal-Kumpanija.

3. Statements of Case. Is-Sur Mark Cini issottometta li hu kien gie appuntat bhala General Manager mal-kumpanija originarjament ghal perijodu ta' sena skond kuntratt ta' mpieg tad-9 ta' Frar 1979 (Dok. 1A) u "peress illi dan il-kuntratt ma giex imgedded l-esponent kompla x-xoghol tieghu ghal ftit xhur wara li skada dan il-kuntratt sa meta rcieva avviz ta' terminazzjoni fis-27 ta' Gunju 1980"

/2. .....

b'ittra li kopja taghha giet esibita (Dok. 1B). Qabel ma gie terminat l-impieg il-kumpanija offrietlu kuntratt gdid maghha bl-istess kariga ta' Manager izda b' varjazzjonijiet relevanti ta' l-impieg kif jidher mid-'draft' li kopja taghha esebixxa (Dok 1C). Hu hass li kien gustifikat li ma jaccettahomx specjalment il-patt gdid li bih hu seta' jigi trasferit ghal kwalunkwe kumpanija sussidjarja tal-grupp li ma jkollha x'taqsam xejn mal-Kumpanija Swan Laundry & Dry Cleaning Co. Ltd. Sostna li kien il-fatt li hu ma kienx dispost li jaccetta dawn il-kondizzjonijiet godda fil-kuntratt il-gdid li kienet ir-raguni vera l-ghaliex il-kumpanija hadet l-okkazzjoni li titterminalu l-impieg tieghu. Cahad l-allegazzjonijiet kemm ta' inefficjenza u irresponsabbilita' f'qadi ta' dmirijietu ghax kieku l-Kumpanija ma kienetx toffrilu kuntratt gdid u ghalhekk ir-ragunijiet tat-terminazzjoni ta' l-impieg tieghu kontenuti fl-ittra tas-27 ta' Gunju 1980 (Dok. 1B) u fl-istess nifs jinfurmawh li ser jaghmlu minn kollox biex isibulu post iehor f'xi grupp iehor tal-Corinthia Group ma setghux jaghmlu sens. Zied jghid li waqt li kien Manager hu il-Kumpanija ghamlet izjed xoghol u izjed profitt, li relazzjonijiet mal-klijenti u ma l-istaff kienu tajbin hafna, li hu hadem bil-kuxjenza u bl-onesta', tejjeb il-makkinarju biex ukoll tizdied l-efficjenza, u ta' dan esebixxa korrispondenza (Doks 1D, 1E, 1F, 1G, 1H). Sostna wkoll illi hu "kien indika lil kumpanija li kien lest jiffirma kuntratt iehor maghha bl-istess kondizzjonijiet bhal dawk tal-kuntratt ta' qabel u ma kienx hemm raguni minn naha tal-kumpanija li tipprezentalu kuntratt gdid b'kondizzjonijiet godda meta hi kienet kuntenta bih, u dan minghajr konsultazzjonijiet. Ghalhekk sostna li t-terminazzjoni ta' l-impieg tieghu kienet ingusta u talab kumpens xieraq u certifikat nadif."

Ghal Kumpanija Messrs Swan Laundry & Dry Cleaning Co. Ltd. is-Sur Alfred Pisani issottometta li Mark Cini kien gie mpjegat mal-Kumpanija bhala General Manager ghal perijodu definit ta' sena skond kuntratt iffirmat fid-9 ta' Frar 1979, bil-patt li qabel ma jaghlaq iz-zmien tal-kuntratt isiru diskussjonijiet ghal kuntratt iehor. Meta gie biex jiskadi l-kuntratt originali gie ppreparat kuntratt iehor li kien izjed car dwar responsabiltajiet u kundizzjonijiet li l-Kumpanija xtaqet timponi anki fl-interess ta' Mark Cini n-nifsu, minkejja l-fatt li malli skada l-ewwel kuntratt il-kumpanija kellha l-jedd li tittermina l-impieg ta' dan l-impjegat. L-abbozz tat-tieni kuntratt gie moghti lil Mark Cini fi zmien xieraq izda dan ma accettahx. Gie sottomess ukoll li Mark Cini ma tul il-kuntratt ta' xoghol wera nuqqasijiet kbar bhala General Manager u taw lista ta' dawn in-nuqqasijiet u ncidenti mal-klijenti minkejja twissijiet sahansitra mic-Chairman stess.

4. It-Tribunal zamm tlett seduti li fihom sema' x-xhieda ta' Norman Crockford u ta' John Abela.

5. Preliminarjament qamu zewg punti : l-ewwel, jekk Mark Cini kienx ghadu taht il-kuntratt originali u allura kienx ghadu mpjegat ghal zmien 'definit';
it-tieni, jekk ma kienx ghal zmien 'definit' tkecciex waqt 'probationary period' u fuq dawn iz-zewg punti t-Tribunal sema' s-sottomissjonijiet kif ukoll ra n-noti ta' l-osservazzjonijiet li pprezentaw iz-zewg partijiet.

6. Mill-'istatements of case' u minn dak li sema' t-Tribunal, hareg car hafna li Mark Cini kien gie mpjegat mal-kumpanija ghal zmien definit taht kuntratt ghal perijodu mit-12 ta' Frar 1979 sal-11 ta' Frar, 1980.

Dan il-kuntratt 'inter alia' kien jistipula l-klawsola numru 7 li tghid : "Three months prior to the expiry of the Agreement, the Managing Director and the "Executive" (Mark Cini) will meet to discuss the extension of this Agreement to the mutual advantage of both parties." Il-kumpanija sostniet li qabel ma skada dan it-terminu lil Mark Cini kelmuh fuq xi kuntratt iehor ghal sena ohra li fih kellu jkun hemm xi tibdil. Mark Cini cahad dan u qal li hu wara li ghalaq il-kuntratt originali kompla jahdem u baqa' jithallas bhal ma kien jithallas u wasallu kopja tal-kuntratt il-gdid li riedu joffrulu biss fil-5 ta' Mejju, 1980, li kellu fih kondizzjonijiet ohra li lilu ma ghogbuhx u li allura ma riedx jaccettahom. Dan il-kuntratt kien ghal zmien "definit" ukoll ta' sena mill-1 ta' Marzu, 1980 sat-28 ta' Frar, 1981. Mark Cini insista li l-kondizzjonijiet godda li seta' jigi trasferit bhala General Manager, f'xi kumpanija ohra tal-Corinthia Group ma setax jaccettaha u haseb ukoll li la huwa kompla jahdem wara li skada l-kuntratt originali minghajr ma kien accetta l-kondizzjonijiet tat-tieni kuntratt ta' sena, u allura ma kienx taht kuntratt, hu kien gie assunt ghal zmien 'indefinit' minghajr 'probationary period'. L-impieg ta' Mark Cini gie terminat fis-27 ta' Gunju, 1980, i.e. erba' xhur u nofs wara li skada l-ewwel kuntratt mhabba kif allegat il-Kumpanija, nuqqasijiet serji li, skond il-kumpanija, kienu jiggustifikaw tkeccija.

7. <u>Konsiderazzjonijiet tat-Tribunal</u>. It-Tribunal ihoss illi l-klawsola numru 7 tal-kuntratt originali citata fil-paragrafu 6 ta' din id-decizjoni tpoggi r-responsabilta' kemm fuq il-kumpanija kif ukoll fuq Mark Cini biex jigi diskuss kuntratt gdid ta' wara dak li kellu jaghlaq fil-ll ta' Frar, 1980. Anki jekk stess il-Kumpanija ma tharkitx, kif sostna Mark Cini, l-ghala mela Mark Cini

/5. .....

mar ghax-xoghol fit-12 ta' Frar, 1980, meta l-kuntratt kien skada, jekk mal-kumpanija dik il-gurnata ma kellu ebda 'locus standi'? Mar ghax il-klawsola 7 tal-kuntratt kienet tipprovdi,ghal "extension of this agreement to the mutual advantage of both parties". Il-kumpanija mhux biss ma zammitux mix-xoghol izda offrietlu kuntratt iehor ghal zmien "definit" kienu x'kienu l-kondizzjonijiet. Kien f'mohh it-tnejn, kemm tal-kumpanija kif ukoll ta' Mark Cini, li kellu mela jghaddi minn kuntratt ghal zmien "definit" ghal kuntratt iehor ghal zmien "definit". Il-kuntratt il-gdid kellu jibda fl-1 ta' Marzu, 1980 u jiskadi fit-28 ta'Frar, 1981. Anki kieku Mark Cini accetta l-kuntratt il-gdid, ilperijodu bejn il-gurnata li skada l-ewwel kuntratt i.e. it-12 ta' Frar, 1980 sa l-1 ta' Marzu 1980, l-ewwel gurnata tal-kuntratt il-gdid, ma setghax bl-ebda mod wiehed iqisu bhala impjieg "indefinit", izda perijodu ta' 'no man's land' b'kondizzjonijiet 'quantum meruit'. Mela anki jekk wiehed jaccetta li t-tieni kuntratt ipprezentawulu fil-5 ta' Mejju, 1980, ikun assurd li wiehed ghandu jirritjeni li ghall-perijodu bejn it-12 ta' Frar u l-5 ta' Mejju, 1980, kien gie mpjegat ghal zmien 'indefinit' meta kemm il-klawsola numru 5 ta' l-ewwel kuntratt u l-klawsola numru 5 tat-tieni kuntratt offert lil Mark Cini jitkellmu t-tnejn fuq zmien "definit". Fic-cirkostanzi t-Tribunal ihoss li Mark Cini qatt ma kien impjegat ghal zmien "indefinit."

8. L-appellant kien gie assunt bhala General Manager ghal zmien "definit" u konsegwentement ma jaqghax taht id-disposizzjonijiet ta' tkeccija ngusta kif provduta fl-artikolu 2(1) ta' l-Att Nru. XXX ta' l-1976 dwar Relazzjonijiet Industrijali. Fuq kollox il-Kumpanija offrietlu kuntratt gdid ghal zmien "definit" ukoll

li hu ma accettax ghal ragunijiet tieghu.

9. Award. Ghalhekk, salv id-dritt li l-appellant jagixxi quddiem il-qorti kompetenti (jekk ikun il-kaz) it-Tribunal jiddeciedi li ma ghandux kompetenza li jaqta' l-meritu kif kontenut fit-talba ta' l-istess appellant u b'hekk itemm din il-kwistjoni tax-xoghol.

G.H. Craig
Chairman

A. Bartolo Parnis
Segretarju

11 ta' Marzu, 1981

em